**10 ta' Lulju, 1990**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Carmel Mifsud *et*

*versus*

L-Onorevoli Prim Ministru ta' Malta *et*

**Kostituzzjoni – Konvenzjoni Ewropeja – Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Libertà Personali – Arrest – Libertà Provvižorja – *Bail* eċċessiv – Leġittimu Kontradittur – Interess – Prim'Ministru – Ministru ta' l-Intern – Kummissarju tal-Pulizija**

*Ir-rikorrenti pprežentaw rikors quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili billi allegaw ksur fil-konfront tagħhom tad-dritt fundamentali tagħhom tal-Libertà personali. Huma kienu jinsabu taħt arrest pendenti proċess kriminali kontra tagħhom: il-Qorti tal-Maġistrati kienet ikkonċeditilhom il-libertà provvižorja taħt kondizzjoni, fost ħwejjeġ oħra, li jagħmlu depožitu ta' Lm10,000* u *Lm5,000. Ir-rikorrenti ma kinux fil-qagħda finanzjarja li jagħmlu dan u b'hekk allegaw li ġew miksura fil-konfront tagħhom id-drittijiet fundamentali għal-libertà personali. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet billi ddikjarat il-Prim'Ministru u l-Ministru ta' l-Intern mhux leġittimi kontradituri f'kawża bħal dina u b'hekk illiberathom mill-osservanza tal-ġudizzju, iddikjarat il-Kummissarju tal-Pulizija leġittimu kontradittur, u ddisponiet mill-meritu billi ċaħdet it-talbiet tar-rikorrenti. Ir-rikorrenti appellaw in via prinċipali u l-intimat inċidentalment. Il-Qorti Kostituzzjonali laqgħet l-appell tar-rikorrenti billi ddikjarat il-Prim'Ministru leġittimu kontradittur fil-kawża, ikkonfermat l-ewwel sentenza in kwantu din iddikjarat il-Kummissarju tal-Pulizija leġittimu kontradittur, astjenit milli tieħu konjizzjoni ta' l-appell fil-konfront ta' Anthony Grech billi dan fil-frattemp kien kiseb il-libertà provvižrja, u fil-meritu rriformat is-sentenza billi dderiġiet lill-Qorti tal-Maġistrati tiddisponi mill-kwistjoni tal-libertà provvižorja skond il-prinċipji elenkati fl-istess sentenza.*

*Il-Prim'Ministru huwa leġittimu kontradittur f'kawża simili billi huwa*

*għandu vestit fil-persuna tiegħu r-rappreżentanza ġenerali tal-Gvern ta' Malta. Il-Kummissarju tal-Pulizija kien ukoll leġittimu kontradittur billi l-kawża kontra l-imputati kienet tmexxiet f'ismu.*

*Il-Qorti fil-meritu osservat li l-libertà personali trid tingħata taħt kondizzjonijiet li ma jkunux tant onerużi għall-imputat li jagħmilha impossibbli għalih li jiksibha. Fil-każ preżenti ma kien hemm ebda element ta' abbuż għaliex l-ebda provi ma kienu nġiebu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati dwar il-mezzi ta' l-imputati. Għalhekk il-Qorti Kostituzzjonali dehrilha li kien xieraq li dik il-Qorti terġa' tiddeċidi l-kwistjoni wara li tieħu konjizzjoni ta' dawn il-provi.*

Il-Qorti: - Rat ir-rikors preżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' Diċembru, 1989, li bih Carmel Mifsud u Anthony Grech, wara illi ppremettew illi huma ġew imressqa b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja tal-Gżira ta' Malta fil-5 ta' Diċembru, 1989, akkużati fost affarijiet oħra bi taffikar ta' drogi;

Illi dak inhar tal-preżentata huma ppreżentaw rikors fejn talbu l-Qorti tikkonċedilhom il-libertà provviżorja però l-istess Qorti rriservat li tipprovdi fi stadju ulterjuri *(sic)*;

Illi fis-seduta tal-15 ta' Diċembru, 1989, wara li nġabru l-provi prodotti mill-prosekuzzjoni u qabel ma l-Qorti dehrilha li kien il-każ li tiddeċidi li kien hemm biżżejjed prova biex *prima facie* biex huma jitpoġġew taħt att ta' akkuża u l-proċess jiġi rinvjat għand l-Avukat Ġenerali, l-esponenti reġgħu rreferew għar-rikors tagħhom u talbu li tiġi akkordata lilhom il-libertà provviżorja *(sic)*;

Illi da parti tagħha l-prosekuzzjoni nsistiet mal-Qorti li f'każ li jidhrilha li takkorda l-libertà provviżorja tiffissa kawtela

sufficjenti;

Illi din il-Qorti b'sorpriża kbira għall-esponenti deħrilha li kellha takkorda l-libertà provviżorja u fost il-kondizzjonijiet minnha imposti ordnat id-depożitu fil-konfront ta' l-imputat Mifsud ta' għaxart elef lira Maltija *oltre* għaxart elef lira Maltija garanzija personali filwaqt li fil-konfront ta' l-imputat l-ieħor depożitu ta' ħamest elef lira Maltija *oltre* garanzija personali ta' ħamest elef lira oħra;

Illi l-Qorti kienet diġà ġiet infurmata li fil-konfront ta' l-esponent Mifsud, dana kien disokkupat u jgħix bl-għajnuna tal-Gvern.

Illi huma jissottometti illi bl-obbligu li jiddepożitaw tant flus il-Qorti huma ser ikollhom jgħaddu l-proċess tagħhom kollu taħt arrest 'l għaliex huma qatt ma huma ser ikunu f'pożizzjoni li jħallsu dawn is-sommom tant eċċessivi;

Illi huma jħossu bir-rispett illi d-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati tal-15 ta' Diċembru, 1989 fejn ġew ordnati jiddepożitaw is-somma ta' għaxart elef lira Maltija u ħamest elef lira Maltija u l-istat ta' arrest tagħhom huwa lesiv tad-drittijiet tal-bniedem tagħhom protetti mill-Att dwar id-drittijiet fundamentali tal-bniedem l-Att XIV ta' l-1987. Id-drittijiet tal-bniedem li qed jiġu lesi huma dawk protetti mill-artikolu 5 sub inċiż 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-drittijiet tal-bniedem. Tali artikolu jiddisponi li *"Everyone arrested or detained in accordance with the provisions of paragraph 1(c) of this article shall be brought promptly before a judge and shall be entitled to trial within a reasonable time or to release pending trial.*

*Release may be conditioned by guarantees to appear before trial''.*

Il-fatt li l-artikolu 5(3) tal-konvenzjoni preċitata jinkombi obbligu fuq ġudikant li l-imputat irid jew jingħata l-libertà provviżorja jew li l-proċess tiegħu jrid isir fi żmien raġonevoli ma tfissirx *stricto jure* li l-Qorti għandha xi xelta. Dan ifisser li l-Qorti trid tiggarantixxi dejjem u f'kull każ *''a speedy trial''* u trid teżamina jekk l-arrest kontinwu ta' l-imputat huwiex ġustifikat u jkun ġustifikat biss jekk ma jeżistux xi ċirkostanzi kontemplati fl-artikolu 5, ta' l-istess Konvenzjoni, li fil-każ odjern żgur li mhuwiex il-każ;

Illi ġie stabbilit bl-iktar mod kjar u lampanti mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem li l-awtoritajiet ma għandhomx xelta bejn li jgħaddu l-imputat proċess fi żmien raġonevoli u li jirrilaxxjawh bil-libertà provviżorja. Skond id-duttrina r-rilaxx jekk hemm bżonn bil-garanziji huwa kważi dejjem obbligatorju;

Illi ġie stabbilit ukoll illi d-depożitu fl-għotja tal-libertà provviżorja qatt ma jista' jiġi ffissat biss b'riferenza għall-gravità *o meno* ta' l-akkuża. Jekk l-akkużat ma jistax jingħata lilbertà provviżorja għaliex il-garanziji huma eċċessivi d-detenzjoni tiegħu tkun lesiva ta' l-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem. Il-Qorti trid dejjem iżżomm f'moħħha l-mezzi finanzjarji ta' l-imputati u f'dan il-każ kienet diġà nfurmata li wieħed mill-imputati ma kellux impieg;

Talbu li dik il-Qorti:

1. Tiddikjara illi l-istat ta' arrest tagħhom u d-digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati tal-15 ta' Diċembru, 1989, huma illegali u jmorru kontra d-dispost 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem; u

2. Tordna li l-*Bail* ta' l-esponenti jiġi modifikat b'tali mod li jkun jikkompara mal-mezzi ta' l-għixien tagħhom; u li

3. Tagħti dawk il-provvedimenti ordnijiet li jidhrilha xierqa u opportuni biex id-drittijiet fundamentali ta' l-esponenti jiġu protetti;

Rat ir-risposta preżentata fit-28 ta' Diċembru, 1989, li fiha l-intimati qalu:

1. Preliminarjament, illi huma għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju stante li huma ma jistgħux jitqiesu li huma l-leġittimi kontradittturi f'dawn il-proċeduri. Għar-rigward ta' l-esponenti Onorevoli Prim Ministru ta' Malta u l-Onorevoli Viċi Prim Ministru bħala Ministru ta' l-Intern, dawn ma ndaħlux, u ma setgħux jindaħlu, u lanqas ma kellhom kontroll fuq id-deċiżjoni diskrezzjonarja tal-Maġistrat li ta l-libertà provviżorja lir-rikorrenti taħt dawk il-kondizzjonijiet li deherlu xieraq u opportuni fiċ-ċirkostanzi. Id-deċiżjonijiet li jittieħdu mill-Qrati fil-bidu, waqt, u fl-aħħar ta' proċedimenti ġudizzjarji bl-ebda mod ma huma marbuta ma' xi funzjoni ta' natura amministrattiva li dawn iż-żewġ Ministri għandhom taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta jew taħt xi liġi oħra. Mhumiex huma li għandhom jirrispondu quddiem il-Qrati meta jkun qed jiġi allegat li persuna ġiet imċaħħda mid-dritt li hija għandha għal smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli jew għall-ħelsien waqt

pendenza tal-proċeduri. Dawn iż-żewġ Ministri, bħala membri ta' l-Esekuttiv, jirrispondu biss għal dawk l-atti tad-Dipartimenti li jaqgħtu taħt l-amministrazzjoni partikolari ta' kull wieħed minnhom u ma għandhom x'jaqsmu xejn mal-funzjoni ta' l-amministrazzjoni tal-ġustizzja fdata bil-liġi lill-organu ġudizzjarju ta' l-Istat – funzjoni li dan l-organu jeżerċita bl-awtonomija li għandu u bl-indipendenza sħiħa minn kull organu ieħor ta' l-Istat (Ara artikolu 82(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u artikolu 6(c) ta' l-Att ta' l-1975 dwar l-Interpretazzjoni, u d-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali tad-9 ta' Novembru, 1988 fil-kawża fl-ismijiet (Lucien Stafrace *noe et* vs Aġent Reġistratur tal-Qrati *et*);

Għar-rigward ta' l-esponent l-ieħor, il-Kummissarju tal-Pulizija, il-preżenza tiegħu lanqas ma hija indispensabbli bħala leġittimu kontradittur, imma, *semai*, kieku huwa talab li jintervjeni għal kull interess li jista' jkollu, jew bħala parti, li kieku kien hemm ordni ta' riferenza dwar kwistjoni kostituzzjonali li dina l-Qorti mill-Qorti Kriminali. Fil-każ odjern, il-proċeduri kompjuti s'issa fil-Qorti Kriminali huma perfettament legali fl-aspetti kollha tagħhom, u l-allegazzjoni tar-rikorrenti, u ċjoè l-kondizzjonijiet li taħthom ingħata l-libertà provviżorja jikkostitwixxu ksur tad-dritt tagħhom, mhix u ma tistax tkun imputabbli lill-Kummissarju tal-Pulizija;

2. Mingħajr preġudizzju għas-*suespost*, fil-meritu jingħad illi l-arrest tar-rikorrenti sar skond il-liġi sabiex jiġu miġjuba quddiem l-awtorità legali kompetenti fuq suspett raġonevoli li kienu kkommettew reat, *ai termini* ta' l-artikolu 34(3) tal-Kostituzzjoni u 5(1)(c) ta' l-Att XIV ta' l-1987;

Effettivament, ir-rikorrenti nġiebu quddiem il-Maġistrat,

li huwa funzjonarju awtorizzat bil-liġi biex jeżerċita setgħa ġudizzjarja, kif jirrikjedi l-ispirtu ta' l-artikolu 5(3) ta' l-imsemmi Att XIV ta' l-1987;

Żgur, però b'ebda mod ma jista' jingħad li r-rikorrenti ġie leż lilhom id-dritt għall-proċeduri fi żmien raġonevoli ġaladarba huma ġew arrestati fil-5 ta' Diċembru, 1989 u nġiebu quddiem il-Maġistrat fis-6 ta' Diċembru, 1989;

Issa, l-artikolu 5(3) jitkellem fuq id-dritt ta' l-arrestat jew detenut għall-proċeduri fi żmien raġonevoli (dritt tar-rikorrenti li fil-każ odjern ma ġiex leż, mhuwiex in kwistjoni u qed jiġi rispettat mill-awtoritajiet kompetenti) jew għall-ħelsien waqt pendenza tal-proċeduri, taħt kondizzjoni ta' garanziji biex jidher għall-proċeduri;

Mela wieħed jista' jikkonkludi bla ebda dubbju ta' xejn li r-rikorrenti lanqas ma kellhom, ossija għandhom, dritt għall-ħelsien li l-Maġistrat għoġbu jikkonċedilhom taħt dawk il-kondizzjonijiet ta' garanziji, fid-diskrezzjoni assoluta tiegħu, biex jidhru għall-proċeduri in kwistjoni, u dan peress li wieħed għadu mhux f'pożizzjoni li jallega li r-rikorrenti mhux ser ikollhom proċeduri fi żmien raġonevoli;

Illi l-kondizzjoni ta' garanziji biex jidhru għall-proċeduri ġiet imposta mill-istess Maġistrat li kkonċedilhom il-ħelsien u ġiet imposta fid-diskrezzjoni assoluta tiegħu, liema diskrezzjoni hija waħda mis-setgħat ġudizzjarji tal-Maġistrat bħala funzjonarju awtorizzat bil-liġi. Dik id-diskrezzjoni ma tistax tiġi sindikata minn xi awtorità oħra u hija l-konklużjoni tal-apprezzament taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ ben noti lil, u

miġjuba a konjizzjoni tal-ġudikant. Ir-rikorrenti ma għandhomx, u ma jistax ikollhom ebda kontroll fuq x'tip ta' garanziji u kondizzjonijiet jista' jimponi l-ġudikant bħala xierqa u opportuni. Kieku mhux hekk, ir-rikorrenti jistgħu faċilment jiddettaw u jimponu huma l-kondizzjoni ta' garanzija fuq il-ġudikant flok *viceversa*, ħaġa li la l-Kostituzzjoni u wisq inqas il-Konvenzjoni Ewropeja ma tikkontempla b'ebda mod direttament jew indirettament. *"Apices juris non sunt jura"*;

Biex wieħed japprezza l-kontenut kollu tas-*suespost*, issir riferenza għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropeja fl-applikazzjoni ta' Friedrich Schiesser (Nru. 7710/76) kontra l-Isvizzera, fejn ukoll inħarġet distinzjoni bejn meta għandek arrest ordnat mill-Prosekuzzjoni, f'liema każ jemerġi d-dritt li l-legalità ta' dak l-arrest jiġi deċiż fl-iqsar żmien possibbli minn Qorti, u l-libertà provviżorja kondizzjonata konċessa mill-Qorti nnifisha; u għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropeja fl-applikazzjoni ta' Jacob Kamma kontra n-Netherlands (nru. 4771/71 – Mearbock 15,398, *Collection* 42, 14) fejn ġie deċiż li fejn Qorti deħrilha li ma tagħtix libertà provviżorja, minħabba li hekk kien xieraq u opportun fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikulari tal-każ, ma kienx b'xi mod jilledi xi dritt protett mill-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropeja. *Multo magis* fil-każ dejjem fejn id-dritt għal-libertà provviżorja, konċessa mill-Qorti, ma kellu ebda ċirkostanzi biex jiġġustifikawh, għalkemm it-talba relativa lanqas ma ġiet opposta mill-prosekuzzjoni;

Għal dawn il-motivi kollha, u għal dawk l-oħrajn li sejrin jirriżultaw fit-trattazzjoni, l-esponenti jitolbu umilment li dina l-Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha kontenuti fir-rikors odjern bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt, u anke peress li huma

frivoli u vessatorji u intenzjonati biex jistultifikaw il-proċeduri kriminali relativi, bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Frar, 1990 li biha salvi d-deċiżjonijiet l-oħra ġa magħmula, iddisponiet mir-rikors billi ċaħdet it-talbiet tar-rikorrenti Carmel Mifsud u Anthony Grech bl-ispejjeż kontra tagħhom u dana wara li kkunsidrat: –

Illi l-intimati kollha qegħdin jeċċepixxu preliminarjament illi huma mhumiex il-kontradittturi leġittimi f'dina l-kawża u għalhekk talbu li jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju;

Il-Qorti sejra għalhekk tgħaddi fl-ewwel lok biex tikkonsdira dina l-eċċezzjoni;

Il-Qorti kif preseduta, diġà kellha okkażjoni oħra biex tippronunzja ruħha dwar il-pożizzjoni tal-Prim Ministru u tal-Ministru responsabbli għall-Pulizija f'kawżi ta' dina x-xorta fil-kawża fl-ismijiet "Joseph Abela vs Onorevoli Prim Ministru *et*" deċiża fis-7 ta' Diċembru, 1989; dan il-punt kien ġà ġie trattat fis-sentenza tad-9 ta' Novembru, 1988, fil-kawża fl-ismijiet "Lucien Stafrace *noe et* vs l-Aġent Reġistratur tal-Qrati *et*" mogħtija mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fir-rigward tal-Ministru ta' l-Intern u Ġustizzja;

Fil-kawża tallum il-Qorti ma tarax għaliex għandha tiddipartixxi minn dak li ġà ġie deċiż f'dawk iż-żewġ sentenzi; Hawnhekk il-Qorti tirrabadixxi illi l-funzjoni taħt il-liġi li l-Qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali għandhom meta jiġu biex jittrattaw u jiddeċiedu fuq talba għal-libertà provvisorja mressqa

quddiemhom, b'ebda mod ma hija mittiefsa jew tista' tiġi kontrollata jew influwenzata minn xi poter li l-Prim Ministru jew il-Ministru ta' l-Intern u Ġustizzja għandhom taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta;

Għalhekk il-preżenza ta' dawn iż-żewġ awtoritajiet bħala parti fil-kawża mhijiex indikata, u jekk huma jiġu azzjonati f'kawża bħal din, kif qegħdin jiġi azzjonati mir-rikorrenti Mifsud u Grech illum il-Qorti għandha tilliberahom kif fil-fatt qiegħda tilliberahom, mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra ż-żewġ rikorrenti;

Ikkunsidrat dwar l-eċċezzjoni preliminari in kwantu tirrigwarda l-intimat Kummissarju tal-Pulizija:

Il-Qorti hija tal-fehma illi l-preżenza tal-Kummissarju tal-Pulizija bħala parti f'din il-kawża hija essenzjali għaliex, a parti l-interess ġuridiku ta' oħrajn biex ikunu jistgħu joqogħdu wkoll partijiet fil-kawża, is-sentenza ta' dina l-Qorti dwar il-kostituzzjonalità ta' l-operat tal-Qorti tal-Maġistrati fil-vertenza tal-libertà provvisorja mitluba mill-imputati Mifsud u Grech (ir-rikorrenti tallum) tkun tagħmel stat *di fronti* kemm taż-żewġ imputati kif ukoll tal-Kummissarju tal-Pulizija, il-prosekutur f'dawk il-proċeduri li oppona għall-għoti tal-libertà provvisorja; fil-kawża tallum, il-Kummissarju tal-Pulizija, għandu d-dritt kollu illi, in opposizzjoni ta' dak li jasserixxu ż-żewġ rikorrenti, issotni l-legalità ta' dak kollu li sar mill-Qorti tal-Maġistrati u b'hekk jiġi salvat l-istat ta' fatt li skond l-istess Kummissarju tal-Pulizija huwa dak konformi mad-dispożizzjonijiet tal-liġi dwar l-għoti tal-libertà provvisorja;

Dana l-interess tal-Kummissarju tal-Pulizija jibqa' jissussisti kemm jekk wieħed jieħu l-ipotesi illi l-ġudikant li ddekreta ma jistax jinġieb bħala parti f'din il-kawża (Ara Debono vs Mallia Q.K. 19/2/90) kemm jekk wieħed isostni illi l-liġi ma tipprovdix biex tistabilixxi min għandu jkun il-leġittimu kontradittur f'azzjoni tax-xorta ta' dik tallum intentata minn Mifsud u Grech (jekk huwa minnu illi la l-Ministru responsabbli għall-Intern u l-Ġustizzja u lanqas ir-Reġistratur tal-Qorti ma huwa l-leġittimu kontradittur, allura min hu? arg minn Lucienne Stafrace) il-Qorti Kostituzzjonali la qalet u, *semble*, l-anqas setgħet tgħid, illi, fil-meritu, Stafrace, kellu jew ma kellux raġun, għaliex il-meritu ta' dik il-kawża ma ntmessx mill-Qorti Kostituzzjonali);

Għalhekk l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-Kummissarju tal-Pulizija hija miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu;

Ir-rikorrenti qegħdin jibbażaw it-talbiet tagħhom għaliex jallegaw illi fil-konfront tagħhom ġew miksura d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 3 ta' l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali; id-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta mhumiex qegħdin jiġu nvokati minnhom;

Isegwi għalhekk illi fl-indaġini li sejra tagħmel il-Qorti hija fuq l-aspetti kollha ta' kostituzzjonalità taħt il-Konvenzjoni Ewropeja u dik taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta ma tistax u mhux sejra tiġi kkunsidrata;

Illi l-paragrafu 3 ta' l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, (mid-19 ta' Awissu, 1987 bis-saħħa ta' l-Att ta'

l-1987 dwar il-Konvenzjoni Ewropeja parti mil-Liġi ta' Malta) jipprovdi kif ġej:

"Kull min ikun arrestat jew detenut skond id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1(ċ) ta' dan l-artikolu għandu jinġieb minnufih quddiem imħallef jew funzjonarju ieħor awtorizzat b'liġi biex jeżerċita setgħa ġudizzjarja u jkollu dritt għall-proċeduri fi żmien raġonevoli jew għall-ħelsien waqt pendenza tal-proċeduri. Il-ħelsien jista' jkun taħt kondizzjoni ta' garanziji biex jidher għall-proċeduri;"

Il-paragrafu 1 ta' l-istess artikolu jipprovdi kif ġej:

(1) "Kulħadd għandu d-dritt għal-libertà u għas-sigurtà tal-persuna;

Ħadd ma għandu jiġi pprivat mil-libertà tiegħu ħlief fil-każijiet li ġejjin u skond il-proċedura preskritta bil-liġi:

*Omissis;*

(ċ) L-arrest jew detenzjoni skond il-liġi ta' persuna effettwata sabiex tiġi miġjuba quddiem l-awtorità legali kompetenti fuq suspett raġonevoli li tkun ikkommettiet reat jew meta meqjus raġonevolment meħtieġ biex jiġi evitat li tikkommetti reat jew li taħrab wara li tkun għamlet reat;

*Omissis;*

Illi r-rikorrenti qegħdin jikkwestjonaw il-leġittimità ta' żewġ ħwejjeġ bir-rikors tagħhom, jiġifieri, (i) l-istat ta' arrest li taħtu

jinsabu u, (ii) id-digriet tal-15 ta' Diċembru, 1989 fuq imsemmi;

Dwar l-arrest taż-żewġ imputati/rikorrenti jingħad illi mill-atti tal-kumpilazzjoni jidher illi għall-ħabta ta' nofs Mejju 1988, dawna t-tnejn kienu qegħdin jiġu interrogati mill-Pulizija dwar pussess ta' u traffikar fi, drogi, fil-5 ta' Diċembru, 1989, huma ġew ppreżentati taħt arrest quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta taħt l-akkużi li jissemmew fir-rikors; minn imkien mill-provi ma jidher *illi huma kienu ilhom arrestati aktar minn 48 siegħa qabel ma* ġew miġjuba quddiem il-Qorti; Lanqas ma jidher illi, darba l-Pulizija kellha fuqhom suspett raġonevoli li huma kienu kkommettew reat kriminali u darba li, fuq ordni ta' l-Avukat Ġenerali tar-Repubblika ta' Malta, huma kellhom jiġu proċessati għal dawna r-reati quddiem il-Qorti Kriminali, il-Pulizija ma kellhiex għalxhiex iżżommhom hekk arrestati qabel ma nġiebu quddiem il-Qorti;

Din il-Qorti għalhekk ma tara xejn x'tiċċensura fil-fatt illi Mifsud u Grech kienu taħt arrest qabel ma ġew imressqa quddiem il-Qorti bl-akkużi li ssemmew u illi, almenu sal-ġurnata li fiha ppreżentaw ir-rikors tagħhom għal-libertà provvisorja, huma baqgħu hekk miżmumin; l-ilment tagħhom relativament għal dana l-perijodu għalhekk għandu jaqa';

Dana jfisser illi l-indaġini dwar l-allegazzjoni ta' l-illegalità ta' *dak li huma jsejħu ''l-istat ta' arrest'' għandha tiġi ristretta* għall-perijodu mill-5 ta''Diċembru, 1989 'il quddiem. Din l-indaġini, għar-raġunijiet ta' prattiċità, sejra ssir ħaġa waħda ma' dik dwar it-tieni lment dwar l-illegalità tad-digriet imsemmi;

Il-Qorti ma tistax tifhem x'raġuni seta' kien hemm li waslet biex ir-rikors għal-libertà provvisorja ppreżentat fil-5 ta' Diċembru, 1989 ma jiġix iddekretat u nnotifikat lill-Avukat Ġenerali dik inhar stess tal-preżentata. Għalkemm iż-żewġ rikorrent mhumiex jilmentaw dwar dana d-dewmien u għalhekk il-Qorti mhi sejra tagħmel ebda pronunzjament dwaru, huwa tajjeb mill-banda l-oħra li jiġi osservat fl-istess ħin illi mhux xieraq li talba bħal dik ma tingħatax l-attenzjoni immedjata li kien ħaqqha; minn kif svolġew l-affarijiet però, ma jidhirx illi dina *ċ-ċirkostanza taffettwa l-kwistjonijiet miġjuba 'l quddiem fir-*rikors; għalhekk din il-Qorti mhix sejra tmur 'il bogħod iżjed fuq dan l-inċident;

Illi r-reati li bihom mixlija r-rikorrenti jistgħu jimportaw piena ta' priġunerija għal iżjed minn għaxar snin; għalhekk biex jottjenu l-ħelsien mill-arrest kien jinkombi lilhom li jagħmlu talba b'rikors lill-Qorti, kif fil-fatt huma għamlu. Il-Qorti tal-Maġistrati laqgħet it-talba tagħhom, u, kif għandha s-setgħa kollha li tagħmel taħt il-Kodiċi Kriminali, imponiet fost oħrajn, il-kondizzjoni tad-depożitu u garanzija personali mingħand kull wieħed mir-rikorrenti kif hemm imsemmi fir-rikors;

Issa l-istess Kodiċi Kriminali (li huma l-liġi waħdanija li l-qrati għandhom japplikaw f'każijiet tajba biżżejjed biex tiżgura li l-imputat jidher għal kull att tal-proċeduri kriminali li jittieħdu kontra tiegħu fiż-żmien u fil-post li jiġu ordnati lilu; l-ammont *tal-garanzija ma għandux jaqbeż il-limit sabbiliti mil-liġi (fejn* hekk hemm provdut). Il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni wkoll, meta tiġi biex tiffissa l-garanzija, il-kondizzjoni ta' l-imputat, ix-xorta u l-kwalità tar-reat, u ż-żmien tal-piena li għaliha r-reat ikun soġġett. Il-Kodiċi Kriminali, għalhekk jistabilixxi l-limitu

massimu tal-garanzija għal għaxart elef lira rigward reati soġġetti għal piena ta' anqas minn sena priġunerija, ma jippreskrivi ebda limitu għall-garanziji rigward reati soġġetti għal piena ta' sena priġunerija jew iżjed; fil-każ ta' dawna r-reati l-ammont tal-garanzija hija "dik is-somma, mhux anqas minn ħamsin lira, illi l-Qorti jidhrilha, fiċ-ċirkostanzi, li tkun biżżejjed biex tiżgura sa fejn huwa possibbli illi l-imputat jew akkużat jidher kif provdut skond il-liġi;"

Minn dana jidher illi l-Qorti jkollha tapplika dawn il-kriterji u l-ġudizzju tagħha f'kull każ meta tiġi biex tiffissa l-ammont tal-garanzija (użat dana t-termini bħala wieħed li jikkomprendi kemm il-każi ta' depożitu ta' flus u kif ukoll dawk fejn il-garanzija tkun dik l-hekk imsejħa "personali" jew każi tat-tnejn flimkien) dejjem però sabiex tiżgura l-komparizzjoni ta' l-imputat jew akkużat għall-proċeduri kontrih;

Issa, fil-każ tallum, ma hemmx in kwistjoni jekk ir-rikorrenti kellhomx jiġu mogħtija l-libertà provvisorja jew le; L-Avukat Ġenerali ma opponiex għat-talba u ma jidhirx illi l-Qorti kienet kontra li tingħata din il-libertà. Il-kwistjoni hija biss fuq il-legalità ta' xi wħud mill-kondizzjonijiet imposti fuq ir-rikorrenti mill-Qorti tal-Maġistrati, li huma kellhom josservaw qabel ma t-talba tagħhom, milqugħa mill-Qorti, tkun tista' tieħu effett;

F'dan ir-rigward il-Qorti għandha tosserva fl-ewwel lok illi ma hemm ebda dispożizzjoni fil-Kodiċi Kriminali li tagħti lok għal appell minn digriet fuq talba għal-libertà provvisorja jew għall-varjazzjoni tal-kondizzjonijiet li jkollu l-istess digriet. Il-funzjoni ta' dina l-Qorti f'dan il-każ jiġifieri, hija ristratta biss biex tara jekk hemmx vjolazzjoni ta' l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni

Ewropeja fuq imsemmi jew le;

Illi, kif ġa ntqal, il-Kodiċi Kriminali jillimita l-massimu tal-garanzija għal-libertà provvisorja għal Lm10,000 fil-każi ta' reati li ma jimpurtawx piena ta' priġunerija għal anqas minn sena; għalhekk, bħala prinċipju u in linea ġenerali, din il-Qorti ma tarax raġuni għaliex għar-reati li jistgħu jimpurtaw piena ta' aktar minn għaxar snin priġunerija l-qrati ma għandhomx jimponi (kif fil-fatt għandhom is-setgħa li jagħmlu taħt il-liġi) depożitu u garanzija personali tad-daqs u kwalità li ġew imposti mill-maġistrat li ħa konjizzjoni tal-każ taż-żewġ imputati li kellu quddiemu, ir-rikorrenti tal-lum;

Hu veru illi, minn dak li deher mill-provi quddiem dina l-Qorti u quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ebda wieħed mir-rikorrenti ma għandu mezzi u inqas u inqas mezzi suffiċjenti biex jaffettwa d-depożitu tas-somma rikjesta mill-Qorti; jista' jiġi objettat għalhekk illi l-ammont iffissat għall-garanzija huwa eċċessiv; anzi, jista' wkoll jiġi kwestjonat jekk it-tqegħid tal-kondizzjoni tad-depożitu ta' somom bħal dawk fih innifsu huwiex imposizzjoni ta' kondizzjoni impossibbli għalihom li jwettqu u li fil-konfront tagħhom setgħet ma saret xejn. Hekk qegħdin jgħidu r-rikorrenti. Bl-argument tagħhom huma jridu jaslu biex jgħidu illi għal kull akkużat ta' reat li huwa sprovvist minn mezzi, f'ebda każ ma għandha tiġi imposta mill-Qrati xi kondizzjoni ta' depożitu ta' flus sabiex huwa jingħata l-libertà provvisorja;

Kiefra kemm tista' forsi tidher kiefra għal xi wħud is-sitwazzjoni fejn il-liġi tagħna donnha ma tagħmel ebda distinzjoni bejn it-trattament li għandu jingħata mill-qrati lil dak li jitlob il-libertà provvisorja li jkollu mezzi u dak li għandu jingħata lil

min ma jkollux, fir-realtà l-liġi tagħti l-istess trattament lil kulħadd meta tiġi biex tipprovdi illi l-ammont tal-garanzija għandu jkun "skond il-kondizzjoni ta' l-imputat, ix-xorta u l-kwalità tar-reat, u ż-żmien tal-piena li għaliha r-reat ikun soġġett" fil-każijiet kollha li jitressqu l-Qorti. Tista' tidher stramba din, imma l-kriterji tabilħaqq iqiegħdu lil dawk kollha li jkunu fl-istess ilma, taħt l-istess opportunitajiet, vantaġġi u svantaġġi, sabiex jottjenu l-libertà provvisorja tagħhom;

Din is-sitwazzjoni mhux kulħadd jifhimha b'dan il-mod. Hemm pajjiżi, per eżempju li ma tantx iħarsu bis-sabiħ lejn istituzzjoni tal-ħelsien minn arrest tant depożitu ta' flus, għaliex jgħidulek illi dina s-sitwazzjoni tiffavorixxi biss lil dawk li għandhom u ċċaħħad lil dawk li ma għandhomx (u ċerti gruppi ta' nies fil-minorità" mill-opportunità li jottjenu l-ħelsien sakemm il-proċeduri kriminali kontra tagħhom ikunu għadhom mexjin;

X'sinifikat għandu jingħata allura għall-espressjoni "il-kondizzjoni ta' l-imputat" użat fil-liġi? Fil-fehma tal-Qorti dan żgur ma jfissirx li l-liġi trid tagħmilha iżjed faċli biex jottjeni l-libertà għal dak li ma għandux mezzi milli tagħmilha għal dak li għandu l-mezzi. Jekk il-liġi trid li jkun hemm garanzija li wieħed jidher fil-ħin u fil-post tal-kawża kontra tiegħu din il-garanzija tridha kemm minn wieħed kif ukoll mill-ieħor; u l-garanzija qiegħda hemm biex dak li jkun jirrealizza illi għandu x'jitlef jekk jiġi biex jonqos li jidher mhux biss il-libertà tiegħu imma wkoll ħwejjeġ ta' valur. Li kieku ma kienx hekk, kull min ma jiġix imġiegħel jagħmel depożitu bħala garanzija jitħajjar biex ma jidhirx jew jaħrab mill-proċeduri iżjed minn dak li jkun obbligat li jpoġġi d-depożitu, għaliex ma jkollox ħwjjeġ ta' valur x'jitlef. Mill-estrem l-ieħor żgur li l-liġi ma tridx li tgħakkes iżjed

milli huwa xieraq għall-każ lil dak li għandu l-mezzi u għaliex għandu dawn il-mezzi;

Il-liġi għalhekk bil-kliem "kondizzjoni ta' l-imputat" mhijiex qiegħda tħares sempliċement lej l-influwenza li l-qagħda finanzjarja li jkun fiha l-imputat jista' jkollha fuq il-kisba tal-libertà provvisorja tiegħu imma lejn dawk il-kondizzjonijiet kollha l-oħra li jistgħu jwasslu biex jiġi stabbilit l-ammont tal-garanzija fil-konfront tiegħu, kondizzjonijiet bħal ma huma dawk li għandhom x'jaqsmu, per eżempju, ma' l-istatus soċjali tiegħu, mad-dipendenza tiegħu minn oħrajn, u ma' l-okkupazzjoni tiegħu fil-qasam tax-xogħol jew f'attivitajiet oħra li huwa jkun impenjat fihom;

Iżda fuq kollox għandu jiġi osservat illi l-liġi trid li tiġi. meqjusa mhux biss "il-kondizzjoni ta' l-imputat" imma wkoll "ix-xorta u l-kwalità tar-reat, u ż-żmien tal-piena li għaliha r-reat ikun soġġett" – kollha kemm huma u f'daqqa waħda – meta jiġi biex ikun stabbilit l-ammont tal-garanzija. Li ma tridx il-liġi huwa illi l-libertà ta' l-imputat tkun qiegħda tiġi effettivament imċaħħda billi tiġi mxekkla b'kondizzjonijiet peżanti wisq għall-imputat, jew dawk li jistgħu jitqiesu kondizzjonijiet punittivi għall-għemil li ma jkunx fil-mument tat-talba għall-ħelsien mill-arrest assodat b'xi prova konkludenti, u li tiegħu allura l-istess imputat ma jkunx għadu misjub ħati;

Ikun ridikolu, fil-fehma tal-Qorti, illi l-ammont tad-depożitu, konsiderata waħidha l-gravità tar-reat, ikun tant imma dan it-tant jitbaxxa jew jogħla jew ma jsir xejn skond jekk l-imputat ikun ta' ftit, ħafna jew ebda mezzi;

L-ammont tal-garanzija għandu jkun insomma dak li trid il-liġi dejjem fil-limiti tal-liġi (fejn ikunu hekk stabbiliti), u fil-kumpless tal-kondizzjonijiet kollha l-oħra flimkien.......... . Dana juri illi l-qorti, meta tiġi biex tiffissa l-ammont tal-garanzija għandha taddotta l-kriterji oġġettivi kollha li trid il-liġi (xorta u kwalità tar-reat u ż-żmien tal-piena) u magħhom dawk soġġettivi (kondizzjoni ta' l-imputat). Darba li dana l-ammont jiġi stabbilit kif irid il-ħaqq għall-imputat partikolari li jkun, il-Qorti tkun eżawriet il-funzjoni tagħha fuq dik it-talba għal-libertà provvisorja u jekk l-imputat ma jlaħħaqx mal-kondizzjonijiet tad-digriet, il-ħtija ma tista' tintefa' qatt fuq dak li tkun iddekretat il-Qorti;

Kemm għandha tkun il-garanzija u x'għandhom ikunu l-kondizzjonijiet l-oħra għal-libertà provvisorja huma affarijiet fdati mil-liġi f'idejn dak il-ġudikant li quddiem ssir it-talba għal-libertà provvisorja u sakemm ma jkunx jidher illi fl-eżerċizzju tal-funzjoni lilu fdata mil-liġi, huwa jkun qiegħed jikser xi dispożizzjoni tal-liġi rigwardanti d-drittijiet u libertajiet fundamentali, din il-Qorti ma għandhiex tidħol biex tiddisturba l-kriterji u l-miżuri li ġew addottati mill-Maġistrat partikolari;

Fil-każijiet taż-żewġ imputati t-tqegħid tal-kondizzjoni tal-garanzija fl-ammont stabbilit mill-Maġistrat fuq kull imputat, speċjalment meta wieħed iqis biss illi l-liġi tippermetti li l-limitu massimu tal-garanzija għal reati li jistgħu jġorru piena ta' anqas minn sena jista' jitla' sa għaxart elef lira (lm10,000), u hawnhekk għandha akkuża għal reat gravi ta' xorta u kwalità partikolari li jista' jimporta piena, wara sejba ta' ħtija, ta' fuq għaxar snin priġunerija, u speċjalment meta wieħed iqis ukoll kemm kull wieħed mill-imputati għandu minn x'hiex jeħles jekk huwa

verament ħati, ma jidhirx f'għajnejn din il-Qorti leżiv ta' xi dritt tar-rikorrenti protett mill-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali minnhom invokat. Wara kollox il-Maġistrat mexa fuq dak li tgħid il-liġi tagħna, u applikaha, fil-funzjoni li tafda f'idu l-istess liġi u fil-ġudizzju tiegħu, għaż-żewġ imputati akkużati tar-reati msemmija fil-ġurnata tallum;

Ma jispettax lil dina l-Qorti tara jekk l-ammonti tad-depożiti u garanziji ta' dina x-xorta li jsemmi l-Kodiċi Kriminali u l-kriterji għal fissazzjoni tagħhom għandhomx jitbiddlu għall-kwalità ta' reati li bihom huma mixlija ż-żewġ imputati. Il-liġi tagħna hija dik li hi, u kienet din il-liġi (forsi f'għajnejn xi wħud daqsxejn miti għal każijiet bħal dawn) li ġiet applikata f'dan il-każ;

Anke bil-liġi kif inhi, wara kollox, ir-rikorrenti, bħala imputati, mhumiex projbiti li jerġgħu jressqu quddiem il-qorti kompetenti talba ġdida għall-ħelsien mill-arrest li fiha jġibu, jekk hekk jidhrilhom l-istess raġunijiet li huma diġà ġiebu 'l quddiem meta talbu l-ħelsien mill-arrest quddiem il-Maġistrat imsemmi;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Carmel Mifsud u Anthony Grech preżentat fit-2 ta' Marzu, 1990;

*Omissis;*

Rat ir-risposta tal-intimati;

*Omissis;*

Rat l-atti l-oħra rilevanti w opportuni;

Semgħet lid-difensuri;

Ikkunsidrat:

Għandu jingħad qabel xejn li mhux kontestat li llum l-appellant Grech ma għadux aktar taħt arrest billi kkonforma ruħu mal-kundizzjonijiet imposti lilu (kif emendati) mill-Qorti tal-Maġistrati u għalhekk huwa ma baqagħlux aktar interess fl-appell preżenti. L-appell għalhekk se jiġi kunsidrat fil-konfront tal-appellant l-ieħor Mifsud;

Ikkunsidrat:

Għandu jingħad ukoll li l-intimati kollha fir-risposta tagħhom għar-rikors promotorju kienu eċċepew li huma ma humiex il-leġittimi kontraditturi f'din il-kawża u li kwindi kellhom jiġu lliberati mill-osservanza tal-ġudizzju. L-ewwel Qorti kienet akkoljiet din l-eċċezzjoni inkwantu sollevata mill-Onorevoli Prim Ministru ta' Malta u mill-Onorevoli Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern iżda kienet irriġettatha inkwantu sollevata mill-Kummissarju tal-Pulizija. Sar appell prinċipali fejn qed jintalab li l-Qorti tiċħad l-istess eċċezzjoni in kwantu tirrigwarda l-imsemmi Onorevoli Prim Ministru u Onorevoli Viċi Prim Ministru ta' l-Intern u kwindi tiddikjarahom leġittimi kontradittrui f'din il-kawża. Sar ukoll appell inċidentali fejn qed jintalab li l-Qorti tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn ġie deċiż li l-Kummissarju tal-Pulizija huwa leġittimu kontradittur u kwindi ċaħdet l-imsemmija eċċezzjoni sollevata minnu. Il-Qorti tipproponi għall-finijiet ta' kjarezza li fl-ewwel lok tikkunsidra

l-appell prinċipali u mbagħad l-appell inċidentali relattivament għall-imsemmija punti preliminari;

Kwantu għall-appell prinċipali qiegħed jiġi sottomess li l-konklużjoni tal-ewwel Qorti hija skorretta. Infatti skond l-art. 1 tal-Konvenzjoni Ewropeja *"The High Contracting parties shall secure to everyone within their jurisdiction the rights and freedoms defined in Section 1 of the Convention"*. Minn dan jirriżulta li huwa l-Istat li għandu jiggarantixxi lill-individwu d-drittijiet fuq imsemmija. Ġie sottomess ukoll li l-Onorevoli Prim Ministru bħala kap tal-Gvern jirrappreżenta l-Istat u għalhekk huwa l-leġittimu kontradittur;

Din il-kwistjoni ġiet trattata *ex professo* minn din il-Qorti reċentement fil-kawża "Simon Brincat vs l-Onorevoli Prim Ministru *et*" deċiża fit-30 ta' Mejju, 1990. F'din il-kawża l-Qorti, wara li ċċitat sentenzi oħra fosthom "Buttigieg vs Mizzi *nomine*" deċiża fid-9 ta' Ottubru, 1989, fejn ġie rilevat li għall-allegat ksur tad-drittijiet tal-bniedem hu azzjonabbli l-Istat, salv dak li huwa aċċettwat fil-Kostituzzjoni, – waslet għall-konklużjoni li l-Onorevoli Prim Ministru, billi jirrappreżenta lill-Gvern ta' Malta fil-kollettività tiegħu, huwa azzjonabbli f'azzjonijiet simili. L-Istat infatti jittratta maċ-ċittadin taħt forma tal-Gvern u, kif ingħad, ir-responsabbiltà tal-Gvern f'sens kollettiv jerfagħha l-Onorevoli Prim Ministru. Jidher għalhekk li f'dan ir-rigward l-appell prinċipali huwa fondat;

Kwantu mbagħad għall-intimat l-Onorevoli Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern jiġi osservat li t-talba fir-rikors promotorju hija li l-Qorti tiddikjara li l-istat ta' arrest hemm imsemmi huwa illegali u jmur kontra l-art. 5(3) tal-Konvenzjoni

Ewropeja u tordna li l-kondizzjonijiet tal-libertà provviżorja jiġu "modifikati" b'tali mod li jkunu jikkomparaw mal-mezzi ta' l-għixien tar-rikorrenti u li tagħti dawk il-provvedimenti u dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa għal dan l-iskop;

Issa fil-kawża "Stafrace *noe* vs Aġent Reġistratur tal-Qrati *et*" deċiża fid-9 ta' Novembru, 1988, din il-Qorti għamlet riferenza għall-ġurisprudenza tagħha bażata fuq id-dottrina Ingliża, skond liema ġurisprudenza kull wieħed mill-Ministri tal-Gvern huwa kostitwit bħala organu awtonomu biex jiddiriġi d-dipartiment jew dipartimenti li għalihom ikun propost kif ukoll biex jirrappreżenta l-Istat relativament għall-funzjonijiet proprji ta' dak id-dipartiment jew ta' dawk id-dipartimenti. F'dik il-kawża ġie wkoll ritenut li minħabba mhux biss li l-awtorità esekuttiva ta' l-Istat hija separata u distinta mill-awtorità *ġudizzjarja ta'* l-*Istat iżda anke għax il-prinċipju* tas-separazzjoni tal-poteri tal-Istat u tal-indipendenza tal-Ġudikatur hekk jirrikjedu, Ministru, anke jekk Ministru tal-Ġustizzja jew Intern, ma jistax ikun leġittimu kontradittur f'kawża intiża *inter alia* biex il-Qorti tagħti ordni sabiex jiġi esegwit mill-istess Onorevoli Ministru għax dan ikun jimporta indħil f'awtorità oħra tal-Istat, ċjoè l-Awtorità Ġudizzjarja;

Issa fil-każ preżenti huwa ovvju li l-imsemmi Onorevoli Viċi Prim Ministru bħala Ministru ta' l-Intern, fuq il-bażi ta' l-imsemmija prinċipji ma jistax ikun leġittimu kontradittur f'din il-kawża peress li kieku kellhom jintlaqgħu t-talbiet ta' l-imsemmi rikors promotorju, huwa ma jistax jingħata ebda ordni x'jesegwixxi mingħajr ma jkun qed jindaħal fl-amministrazzjoni tal-ġusitzzja li, kif ingħad, hija mansjoni riservata lill-poter ġudizzjarju ta' l-Istat. Għalhekk l-imsemmi Onorevoli Viċi Prim

Ministru u Ministru ta' l-Intern mhuwiex leġittimu kontradittur f'din il-kawża u l-appell prinċipali fir-rigward tiegħu huwa nfondat;

Kwantu għall-appell inċidentali, il-Qorti taqbel mal-konklużjoni ta' l-ewwel Qorti li l-Kummissarju tal-Pulizija huwa leġittimu kontradittur f'dan il-każ. Il-kwistjoni kostituzzjonali sollevata f'dawn il-proċeduri tirriferi għal-libertà provviżorja fi proċeduri kriminali iniżjati mill-istess Kummissarju tal-Pulizija li allura kien il-leġittimu kontradittur f'dawk il-proċeduri u għalhekk isegwi li anke fil-proċeduri kostituzzjonali preżenti l-Kummissarju huwa leġittimu kontradittur (Ara f'dan is-sens "Onor. Lawrence sive Lorry Sant vs Kummissarju tal-Pulizija" deċiża minn din il-Qorti fit-2 ta' April, 1990). Għalhekk dan l-appell inċidentali mhux fondat;

Ikkunsidrat:

Qiegħed jiġi sottomess fil-meritu fl-appell prinċipali li l-ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet meta r-risultanzi fil-każ kienu juru b'mod l-aktar ċar li kienu ġew leżi d-drittijiet fundamentali kontemplati fl-imsemmi artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropeja. Kull ma għamlet l-ewwel Qorti kien li teżamina d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kodiċi Kriminali biex tara jekk il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati kinetx aġixxiet fit-termini ta' l-istess liġi meta hija kienet laqgħet it-talba għal-libertà provviżorja, bil-kondizzjoni li jiġu depożitati s-somom ta' Lm10,000 u Lm5,000 rispettivament bħala garanzija. Qiegħed jiġi sottomess li dawn l-ammonti ma setgħu qatt jiġu prodotti u għalhekk dan l-aġir tal-Qorti kien fil-fatt jammonta għaċ-ċaħda tal-libertà provviżorja fil-pendenza tal-proċeduri kriminali u kwindi għal-

leżjoni tad-dritt fundamentali protett bl-imsemmi artikolu 5(3);

Ikkunsidrat:

Il-fatti li taw lok għall-proċeduri preżenti jistgħu jiġi kompendjati b'dan il-mod. L-appellanti kienu ġew arrestati u ppreżentati quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta fil-5 ta' Diċembru, 1989 u ġew akkużati, fost affarijiet oħra, bi traffikar ta' droga (*heroina*). Dak in-nhar stess huma ppreżentaw rikors fejn talbu li l-Qorti takkordalhom il-libertà provviżorja taħt dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni. Għal din it-talba l-Avukat Ġenerali fit-12 ta' Diċembru, 1989 kien irrisponda fis-sens li r-rikorrenti jistgħu jingħataw il-libertà provviżorja wara li tkun ingħalqet il-kumpilazzjoni u dan a tenur ta' l-artikolu 27 tal-Kap. 101. B'żewġ digrieti mogħtija fl-14 ta' Diċembru, 1989 (wieħed għal kull imputat) dik il-Qorti, wara li ħadet in konsiderazzjoni l-kondotta preċedenti ta' l-imputati, l-istadju li fih waslu l-proċeduri kif ukoll iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, laqgħet it-talba tagħhom u akkordatilhom il-libertà provviżorja bil-kondizzjoni li jobbligaw ruħhom li jidhru għal kull att tal-proċess fil-ħin u post li jiġu lilhom ordnati u li jagħmlu tajjeb għal din l-obbligazzjoni, fil-każ ta' Anthony Grech billi jiddepożita fir-Reġistru tal-Qorti s-somma ta' Lm5,000, oltre garanzija personali ta' Lm5,000, u fil-każ ta' Carmel Mifsud billi jiddepożita s-somma ta' Lm10,000 oltre garanzija personali ta' Lm10,000, barra kondizzjonijiet oħra indikati fl-istess digrieti;

Fil-11 ta' Jannar, 1990 l-imsemmija imputati ppreżentaw rikors ieħor fl-imsemmija Qorti, fejn, wara li esponew li kienu indiġenti u m'għandhomx il-mezzi li jadempixxu l-imsemmija

garanzija, talbu li dik il-Qorti tvarja d-digrieti tagħha preċedenti u tnaqqas konsiderevolment l-ammont tad-depożitu mitlub. B'risposta tal-15 ta' Jannar, 1990, l-Avukat Ġenerali oppona l-imsemmija talba u ssottometta li hu ma jara ebda raġuni għala l-Qorti għandha tvarja l-ammont tal-garanzija tenut kont tal-gravità, legali u soċjali, tar-reati mputati u li l-kwistjoni ta' l-allegata indiġenza hu argument altament speċjuż u jekk ma hemm ebda persuna li lesta li tafda lill-imputati f'dik is-somma, anqas ma għandha tafdahom il-Qorti. B'digriet ta' dak inhar stess il-Qorti rriżervat li tipprovdi fi stadju ulterjuri;

Fis-7 ta' Frar, 1990 l-imsemmija imputati ppreżentaw rikors fil-Qorti Kriminali fejn talbu li dik il-Qorti tvarja d-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati billi tnaqqas b'mod konsiderevoli l-ammont li jkollhom jiddepożitaw bħala pleġġ. Għal din it-talba l-Avukat Ġenerali b'risposta tad-9 ta' Frar, 1990 oppona fis-sens li ġej: (1) illi l-opinjoni tal-firmatarji tar-rikors bbażata fuq osservazzjonijiet kliniċi hija assolutament irrilevanti għall-finijiet ta' l-għoti tal-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest (2) illi ma hemm ebda raġunijiet validi għala l-Qorti għandha b'xi mod tvarja l-kondizzjonijiet għall-għoti tal-benefiċċju imsemmi kif imposti mill-Qorti tal-Maġistrati u (3) illi l-garanziji mitluba mill-Qorti huma, tieħu kont speċjalment tan-natura tar-reati li qed jiġu addebitati ġusti u jekk l-imputati ma kinux f'pożizzjoni li jagħtu garanzija f'forma ta' depożitu kif mitlub, *molto più* ma hemmx lok għal garanzija personali. Fis-seduta tad-19 ta' Frar, 1990 quddiem il-Qorti Kriminali ġie reġistrat verbal fis-sens li l-Qorti ġiet infurmata li l-atti kienu ġew rinvjati lill-Qorti tal-Maġistrati fit-13 ta' Frar, 1990 u għalhekk dik il-Qorti fiċ-ċirkostanzi astjeniet milli tieħu konjizzjoni tar-rikors;

Sussegwentement b'digriet tas-6 ta' Marzu, 1990 il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati, fuq talba ta' l-imputati biex id-digrieti ta' l-14 ta' Diċembru, 1989 jiġu modifikati billi s-somma ordnata bħala depożitu titnaqqas, fil-waqt li żammet ferm u integru d-digriet tagħha fuq imsemmi fir-rigward ta' Carmel Mifsud, immodifikat id-digriet tagħha ta' l-istess jum fir-rigward ta' Anthony Grech billi rriduċiet l-ammont tad-depożitu għas-somma ta' Lm2,500 u żiedet l-ammont tal-garanzija personali għas-somma ta' Lm12,500 u żammet ferm u integri l-kondizzjonijiet l-oħra kontenuti fl-istess digriet;

B'digriet ieħor sussegwenti ta' l-istess Qorti ta' l-14 ta' Mejju, 1990 b'riferenza għat-talba tad-difiża biex tikkunsidra mill-ġdid il-kondizzjonijiet dwar il-libertà provviżorja mogħtija lill-imputat Carmel Mifsud bid-digriet tagħha fuq imsemmi ta' l-14 ta' Diċembru, 1989, dik il-Qorti, wara li rrikunsidrat it-talba fid-dawl ta' l-istadju li fihom kienu waslu l-proċeduri ddeċidiet billi mmodifikat l-imsemmi digriet billi s-somma li għandha tiġi depożitata għandha tkun ta' ħamest elef lira Maltija fil-waqt li l-garanzija personali għandha tkun ta' ħmistax-il elf lira Maltija u fil-waqt li żammet ferm l-kondizzjonijiet l-oħra kontenuti fid-digriet imsemmi;

Ikkunsidrat:

Jidher mill-fatti fuq esposti li l-kwistjoni quddiem il-Qorti mhux l-għoti tal-libertà provviżorja – billi din diġà ġiet mogħtija – iżda l-*quantum* tas-somma mitlub mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati biex tiġi depożitata, liema somma fil-każ ta' Carmel Mifsud (li għadu ma ddepożitax u għalhekk ma ottjeniex il-libertà provviżorja) tammonta għal ħamest elef lira Maltija (Lm5,000).

Dan *del resto* jirriżulta wkoll mir-rikors promotorju fejn qed jintalab li l-*"bail"* jiġi modifikat b'tali mod li jkun jikkompara mal-mezzi ta' l-għixien ta' l-esponenti.

Il-Qorti għalhekk sejra tgħaddi biex telenka hawn taħt il-prinċipji in materja fid-dawl ta' dak li jgħidu l-awturi relativament għall-artikolu 5(3) fuq imsemmi a bażi ta' dak li jingħad mill-Kummissjoni Ewropeja u dak li ġie deċiż mill-Qorti Ewropeja, liema artikolu jiddisponi illi "Kull min ikun arrestat jew detenut skond id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1(ċ) ta' dan l-artikolu għandu jinġieb minnufih quddiem imħallef jew funzjonarju ieħor awtorizzat b'liġi biex jeżerċita setgħa ġudizzjarja u jkollu dritt għall-proċeduri fi żmien raġonevoli jew għall-ħelsien waqt pendenza għall-proċeduri. Il-ħelsien jista' jkun taħt kondizzjoni ta' garanziji biex jidher għall-proċeduri:

(1) Il-kliem fl-art. 5(3): "Il-ħelsien jista' jkun taħt kondizzjoni ta' garanziji biex jidher għall-proċeduri" skond il-każ "Wemhoff vs *Federal Republic of Germany"* ċitat mill-awtur Jacobs *"The European Convention on Human Rights"* (paġna 71); *"show that when the only remaining reason for continued detention is the fear that the accused will abscond and thereby subsequently avoid appearing for trial, his release pending trial must be ordered if it is possible to obtain from him guarantees that will ensure such appearance"*;

(2) L-istess ħaġa jgħallem l-awtur Sieghart, *"The International Law of Human Rights"* paġ. 155 a bażi ta' l-imsemmija sentenza. Dan l-awtur però, a bażi ta' sentenza oħra minnu ċitata *(Decision of 3 November, 1976, BGer, Switzerland – YB 20 801)* ikompli jgħid: *"However the right to be released*

*on bail only exists if it can be ensured that the security is in fact sufficient to neutralize the ground for detention – in other words, if one can be sure that the accused will be deterred from absconding by the prospect of losing or not being repaid the amount of the bail*'';

(3) L-istess awtur Sieghart ikompli jgħid, dejjem a bażi ta' l-imsemmija ġurisprudenza u kawżi oħra ċitati minnu, fosthom Neumeister vs Austria (ara *footnote* Numru 132, paġna 155): ''*The object of bail is not to make good the damage done but to secure the appearance of the suspect for trial. The amount of bail must therefore be fixed with regard to the resources and circumstances of the person concerned*'';

(4) F'dan ir-rigward il-Jacob, ukoll a bażi *inter alia* tal-kawża Neumeister vs Austria, josserva li: ''*It follows from this principle that in those countries which have the system of bail or other financial sureties* (u Malta hi waħda minnhom), *the amount of such sureties must not be excessive and must be fixed by reference to the purpose for which they are imposed, namely to secure that the accused appears for trial. It must never be fixed exclusively by reference to the seriousness of the charge. If the accused cannot be released because the guarantees demanded are excessive, his detention will be unlawful under article 5(3). Detention is not authorised solely on the ground that the guarantees demanded cannot be provided; it is authorised only if the guarantees demanded are necessary to secure his appearance but no greater than necessary. The question in each case is: having regard to the person concerned, his means and his relation to the sureties, if any, is there a sufficient deterrent to dispel any inclination to abscond? It is*

*important to recall, in this connection, that the authorities do not have a choice between bringing the accused to trial within a reasonable time and releasing him on bail. Release, if necessary on bail, will often be obligatory"*;

(5) L-awtur Fawcett, *"The Application of the European Convention on Human Rights"*, paġna 116, dejjem fl-istess rigward, u fid-dawl tal-ġurisprudenza fuq imsemmija josserva: *"Since if it appears that the trial of a detainee cannot be had in a reasonable time, he must be released pending trial, it must follow that release must not be in effect denied by being hedged round with too many onerous guarantees."* Iżda l-Fawcett ikompli jgħid: *"But the amount would be outside the purview of the Commission unless there appeared an element of abuse"*. Din l-aħħar osservazzjoni tal-Fawcett twassal lill-Qorti li tagħmel il-konsiderazzjonijiet u tasal għall-konklużjonijiet imsemmija hawn taħt;

Ikkunsidrat:

Jidher minn eżami tal-proċess preżenti li għalkemm saru diversi sottomissjonijiet quddiem il-Qorti Kriminali tal-maġistrati in konnessjoni mat-talba għal-libertà provviżorja, eppure ma nġiebu l-ebda provi dwar il-mezzi ta' min kien qed jitlob il-libertà provviżorja. għalhekk ċertament ma jistax jingħad li kien hemm xi element ta' abbuż;

L-eżami tal-proċess preżenti jkompli juri li dawn il-provi dwar il-mezzi saru biss f'dawn il-proċeduri kostituzzjonali quddiem il-Prim'Awla ta' l-Onorabbli Qorti Ċivili. Għalhekk

il-Qorti li kellha l-funzjoni li tiddeċidi t-talba dwar l-libertà provviżorja, ċjoè l-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ma kellhiex quddiemha l-provi (billi ma nġibux) biex tista' tasal għall-konklużjonijiet tagħha;

F'dawn iċ-ċirkostanzi kollha għalhekk il-Qorti hi tal-fehma li jkun xieraq li tkun il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati jew il-Qorti Kriminali (skond liema waħda minnhom hija kompetenti f'dan l-istadju) li tiddeċidi fuq it-talba għal-libertà provviżorja magħmula minn Carmel Mifsud fid-dawl tal-prinċipji fuq enunċjati u fid-dawl tal-provi li issa saru f'dan il-proċess u kwalunkwe provi oħra li jidhrilha xierqa u opportuni u kwindi l-Qorti sejra tagħti d-deċiżjoni infraskritta;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-appell billi (1) tastjeni milli tieħu konjizzjoni tiegħu fir-rigward ta' Anthony Grech (2) kwantu għall-appell inċidentali tiċħad l-istess u tikkonferma s-sentenza appellata fis-sens li tiddikjara l-Kummissarju huwa leġittimu kontradittur f'dan il-każ u dana bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati (3) kwantu għall-appell prinċipali (a) tiddeċidi li l-Onorevoli Prim Ministru huwa leġittimu kontradittur f'din il-kawża u għalhekk tilqa' l-appell prinċipali f'dan ir-rigward u tirriforma f'dan is-sens is-sentenza appellata bl-ispejjeż relativi taż-żewġ istanzi għall-appellati (b) tiddeċidi li l-Onorevoli Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern mhuwiex leġittimu kontradittur f'din il-kawża u għalhekk tiċħad l-appell prinċipali f'dan ir-rigward u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż relativi taż-żewġ istanzi għall-appellant Mifsud u (ċ) fil-meritu tiddeċidi li kwalunkwe talba għal-libertà provviżorja ta' Carmel Mifsud għandha tiġi deċiża mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati jew mill-Qorti Kriminali (skond liema

waħda minnhom hija kompetenti f'dan l-istadju) fid-dawl tal-prinċipji fuq elenkati u tal-provi li saru f'dawn il-proċeduri kostituzzjonali quddiem l-ewwel Qorti (li għalihom għandha ssir riferenza) u ta' kwalunkwe provi oħra li jkunu xierqa u opportuni u għal dan il-fini tordna li, a kura tar-Reġistratur, kopja ta' din is-sentenza tiġi mgħoddija lill-imsemmija Qorti (ċjoè il-Qorti Kriminal tal-Maġistrati jew f'dan l-istadju) sabiex tipproċedi skond it-termini tagħha, u f'dan is-sens tirriforma s-sentenza appellata. L-ispejjeż, sija ta' l-ewwel istanza kif ukoll ta' din l-istanza (apparti dawk ġa deċiżi hawn fuq), għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-kontendenti.